# IT-TIENI PARTI

# QORTI ĊIVILI — PRIM'AWLA

8 ta' Jannar, 1947.

**Imħallef:**

L-Onor. Dr. A.V. Camilleri, B.Litt., LL.D.

Carmelo Grech pr. et ne. *versus* Michael Azzopardi

**Kolliżjoni — Negliġenza Kontributorja — Danni — Spejjeż Funerarji — Telf ta' Qligħ — Art. 1088 u 1089 tal-Kodiċi Civili.**

*Biex ikun hemm negliġenza kontributorja f'materja ta' kolliżjoni, hemm bżonn illi n-negliġenza ta' min jirreklama d-danni tkun tali illi mingħajrha l-kolliżjoni ma kienetx issir; imma meta din in-negliġenza tkun tali illi min jiġi biex iħallas id-danni seta' jevita dawk id-danni bl-eżerċizzju tal-kura ordinarja, allura r-responsabilità tal-kolliżjoni taqa' fuq il-konvenut.*

*Fi ftit kliem, il-kwistjoni tar-responsabilità tirsolvi ruħha fir-riċerka ta' min fost il-kontendenti kien l-aħħar wieħed li kkommetta l-aħħar att ta' negliġenza li mingħajrha ma kienx javvera ruħu l-inċident.*

*Id-danni konsistenti fl-ispejjeż funerarji tal-persuna li mietet minħabba l-kolliżjoni jidħlu fid-danni li huma rikuperabili, avvolja dawk l-ispejjeż xi darba kellhom isiru indipendentement mill-ħtija ta' l-obligat.*

*Id-danni rikuperabili f'każ ta' deliti jew kważi-delitt huma dawk biss li jidderivaw neċessarjament mill-fatt kolpuż.*

*Fil-kalkolu tad-danni konsistenti fit-telf ta' qligħ, il-ġudikant għandu jqis iċ-ċirkustanzi kollha tal-każ, u fuq kollox ix-xorta u l-grad ta' inkapaċità kaġunata, flimkien mal-kondizzjoni tal-parti li tbati l-ħsara. Kull każ għandu jiġi regolat skond il-fattispeċje tiegħu; imma fi kwalunkwe każ l-ammont tad-danni ma jistax jiġi likwidat f'somma aktar minn £1200.*

Il-Qorti, — Rat it-talba ta' l-atturi proprio et nomine, li wara li ppremettew li jiġu magħmula d-dikjarazzjonijiet neċessarji u li jiġu mogħtija l-provvedimenti opportuni, billi l-imsemmi Ganni Grech, tifel u ħu l-atturi, ġie maqtul minn għand il-konvenut, li kien qiegħed isuq truck numru 5674 f'High Street, Ħal Balzan, b'imprudenza, negliġenza u nuqqas ta'

osservanza tar-regolamenti u tal-ligijiet vigenti, b'mod li xeħet l-istess Ganni Grech fl-art u kkagunalu feriti tant serji li biħom miet ftit wara; u billi l-istess Ganni Grech kien impjegat mal-Gvern Civili u kien jagħmel xogħol ieħor barrani; li in konsegwenza ta' din il-mewt qegħdin isofru u jistgħu jsofru danni; u talbu li, previa, okkorrendo, id-dikjarazzjoni illi l-konvenut huwa responsabili tad-danni preżenti u futuri, il-konvenut jigi kundannat iħallashom proprio et nomine d-danni, li għandhom jigu likwidati f'dan jew f'gudizzju separat, anki permezz ta' periti. Bl-imgħax u bl-ispejjeż, komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali tal-15 ta' Ottubru 1945, kontra l-konvenut;

*Omissis:*

Tikkunsidra;

Illi fuq il-kwistjoni "di fatto" tal-pont tal-kolliżjoni jingħad illi skond ix-xhud *Gorg Camilleri*..............;

*Omissis;*

Tikkunsidra;

Illi fuq ir-responsabilità tal-kolliżjoni jingħad illi sabiex ikun hemm negligenza kontributorja, sabiex jirriegi fl-estensjoni tiegħu l-principju "quod qui ex culpa sua damnum sentit non intelligitur damnum sentire" (Dig. 50, 17, 203), l-istess negligenza trid tkun tali fir-reklamanti d-danni illi mingħajrha l-kolliżjoni ma kienetx issir. Imma meta n-negligenza tar-reklamanti d-danni *tkun tali illi min jigi mħarrek sabiex iħallas* l-istess danni seta' jevita dak id-dannu bl-eżercizzju ta' kura ordinarja, allura l-konvenut ikun responsabili. Fi ftit kliem, il-kwistjoni tar-responsabilità tirriżolvi ruħha fir-ricerka min bejn il-kontendenti, mill-fatti pruvati, kien l-aħħar wieħed li kkommetta l-aħħar att ta' negligenza, cjoè l-aħħar att li mingħajru ma kienx javvera ruħu l-accident (ara Bevin, Vol. I, On Negligence, page 165 u ta' wara, Sweet & Maxwell Ltd., Edition 4th, 1928; u Terrell's Law of Running Down Cases, 2nd. Edition 1936, page 50 u ta' wara);

Illi huwa minnu li l-mejjet Grech kien nieżel fuq High Street, Ħal Balzan, bla dawl..............;

Illi kwindi l-aħħar att ta' negligenza qabel l-accident kien *dovut għall-konvenut*, li b'*kura ordinarja seta' minnu jigi* evitat, dak li ma setax jagħmel il-mejjet. L-għaliex l-att tal-

konvenut kien imprevedibili, u għalhekk aktar u aktar jirrikjedi preavviż ta' sinjal;

*Omissis;*

Illi dwar jekk il-mejjet Grech ikkontribwiex u, jekk ikkontribwixxa għad-dannu, f'liema grad għandu jkun tenut, dina l-Qorti tħoss illi ma għandhiex tadotta r-riflessjonijiet li għamel il-perit legali fil-paragrafu 16 tar-relazzjoni tiegħu; l-għaliex in bażi għall-ispirtu u kliem ta' l-*artikolu 1094 tal-Kodiċi Ċivili*, Kap. 23 Edizzjoni Riveduta, sabiex l-imprudenza u n-negliġenza jew nuqqas ta' attenzjoni tal-persuna li tkun sofriet id-dannu tkun kontributiva, hemm bżonn li tkun determinanti fil-konfront ta' l-azzjoni negliġenti u imprudenti ta' min jarreka d-dannu. *Infatti, kieku ma kienx hekk*, karrozza li tkun miexja fuq triq dritta tkun tista' taqsam it-traffiku sabiex tgħaddi għal triq tal-ġenb li tiżbokka fuq it-triq principali, u jekk tolqot lil xi passiġġier li raġjonevolment ikun qiegħed jaqsam il-ftuħ tat-triq sekondarja l-għaliex ebda sinjal ma jkun sar mill-karrozza li ssemmiet li bih turi li sejra mit-triq prinċipali tgħaddi għat-triq sekondarja, jekk tkorrieh tkun tista' tippretendi li anki huwa kien negliġenti, mentri l-"look out" meħtieġ fid-driver tal-karrozza fl-ipotesi msemmija kien dejjem ritenut li għandu jkun "of a higher order" (ara Roberts & Gibb, Law of Collisions on Land, page 62, Edition 1925). Barra minn dan, il-fatt li l-mejjet Grech ma kellux dawl u l-fatt li kien miexi fuq triqtu ma naqqasx fil-konvenut il-grad li huwa kellu juża ta' "proper look-out". *Kieku* kien hemm f'nofs ta' triq raġel fis-sakra, ma kienx jintitola lil-konvenut jgħaddi minn fuqu, u mbagħad f'azzjoni għad-dannu jgħid illi huwa kkontribwixxa għall-istess dannu, għalkemm li tkun fis-sakra mormi f'nofs triq hija ħaġa kontra l-liġi. *Jingħad ukoll li l-liwja fil-qosor bla sinjal preventiv* magħmula mill-konvenut, u l-fatt li huwa kien bil-manuvra tiegħu sejjer jiddisturba l-linja tat-traffiku li kien ġej minn Ħal Balzan — manuvra li kienet tirrikjedi grad massimu ta' attenzjoni — ma kellhom x'jaqsmu xejn mal-fatt li Grech ma kellux dawl.............. ;

Illi dina l-Qorti ma tistax, fid-determinazzjoni tar-responsabilità għal-liġi tissostitwixxi l-ekwità, dak li tista' tagħmel fid-determinazzjoni tad-dannu fil-ħsieb tagħha, u għalhekk għandha tibqa' għall-fattijiet kif riżultati; u kwindi, fil-ħsieb

tagħha, għalkemm il-mejjet Grech kien mexxi bla dawl kontra l-liġi, tħoss illi dik il-kontravvenzjoni tiegħu ma kkontribwietx għall-aċċident, u bħala tali ma għandhiex ikollha l-effetti li ried il-leġislatur li jkollhom il-kontribuzzjonijiet negliġenti fl-art. 1094 tal-Kodiċi Ċivili;

*Tikkunsidra;*

Illi dwar id-danni jingħad li skond l-art. 1088, kombinat ma' l-art. 1089, tal-Kodiċi Ċivili, Kap. 23 Edizzjoni Riveduta, fiċ-ċirkustanzi tal-każ in diskussjoni dawn jirsolvu ruħhom:— 1. Fit-telf u spejjeż attwali kaġunati; u 2. fid-danni mħabba fil-mewt;

Illi taħt l-ewwel kap jidħlu d-danni jew telf effettivi direttament kaġunati lill-parti li tkun batiet il-ħsara u l-ispejjeż li dik l-istess parti tkun sofriet minħabba l-ħsara; u taħt it-tieni kap jidħlu d-danni derivanti mit-telf ta' qliegħ futur bħal fil-każ ta' inkapaċità totali għal dejjem;

*Tikkunsidra;*

Illi dwar l-ispiża ta' £5. 10. 0 spejjeż tat-tebut, għalkemm fid-dottrina huwa kontestat jekk dawna *l-ispejjeż humiex* jew le rikuperabili, l-għaliex xi jum jew ieħor dejjem iridu jsiru, indipendentement mill-ħtija (culpa) ta' l-obligat, dina l-Qorti tħoss li għandha tippropendi għall-akkoljiment tagħhom, għaliex l-istess fil-każ in diżamina ġew sopportati "*effettivament*" mill-atturi fl-epoka tal-mewt ta' Giovanni Grech; u għalkemm dejjem xi ġurnata jridu jsiru, ħadd ma jista' jew seta' jgħid, jekk il-mewt saret fil-futur f'lok f'dik l-epoka, l-ammont tagħhom kienx ikun dak li ssopportaw l-atturi jew anqas, hija ħaġa inċerta jekk qatt kienux ikunu sopportati fil-futur, l-għaliex dana jiddependi minn ħafna ċirkustanzi ta' post jew xogħol (min ikun jaħdem fuq il-baħar jekk jegħreq ma jkollux bżonn ta' kaxxa, u l-militari jagħmel tajjeb għalihom is-servizz), u di fronti għall-effettiv ħlas tagħhom antiċipat bil-mewt kolpuża kwindi għandhom ikunu ammessi (ara Appell Civili 28 ta' Novembru 1921, in re "Giorgio vs. Grech et.", Vol. XXIV—I—900). Is-sentenza "Clarke (recte Clark) vs. London General Omnibus Company" (1906), 2 K.B. 648, ċitata mill-periti legali bħala li żżomm it-teorija ta' l-ammissibilità ta' l-ispejjeż funerarji, ġiet ċitata ħażin, l-għaliex dik l-istess sentenza anzi "held that neither at common law, nor under Lord Campbell's Act, could a father re-

cover the expenses incurred by him in burying an infant daughter residing with him and whose death was caused by defendant's negligence" (ara Bevin, ċitat fuq. Vol. 1, page 240. u Terrell page 88). L-inklinazzjoni tal-"case-law" Ingliża hija li l-ispejjeż funerarji mhumiex rikuperabili, għalkemm kien hemm każi fejn ġew mogħtija (ara *Bedwell* vs. Golding & Sons, 18 L.L.R. 436, ċitata minn Bevin page 240 Vol. I, u Roberts & Gibb page 155); imma din l-aħħar deċiżjoni l-kum mhix segwita. B'dana kollu dina l-Qorti tħoss, għar-raġunijiet li ntqalu, li għandha ssegwi l-ġurisprudenza tagħna, bażata fuq ir-raġuni ta' loġika ġuridika illi l-veru ħlas u effettiv żborżament li jkun sar tal-flus imħabba fl-antiċipazzjoni tal-mewt huwa argument superjuri għas-sottiljezza ta' l-argument li xi darba għandna nmutu, fl-inċertezza ta' kif, fejn u meta, li jistgħu aktar tard ma jkunux jirrikjedu dik l-ispiża (ara Cogliolo, Responsabilità Giuridica delle Società Ferroviarie, Barbera, Firenze 1892, pag. 118; Giorgi, Obbligazzjoni, Vol. V, parag. 241, pag. 406-407; Monografia di Contardo Ferrini, Delitti e Quasi Delitti, parag. 133; Digesto Italiano, Vol. IX, P.I, pag. 803, colonna 2da.);

Tikkunsidra;

Illi dwar l-ispejjeż żejda li l-attriċi Giuseppa Grech tippretendi li għamlet l-għaliex ġranet u ġimgħat wara, meta rċeviet in-notizja tal-mewt ta' binha kellha "shock" u minħabba f'dak ix-"shock" ma setgħetx tradda 'l binha Michele li twieled fl-epoka tad-disgrazzja, u kellha tissostitwixxi t-treddigħ matern b'xi sostituti li qamulha ħafna flus, dina l-Qorti tħoss li din il-partita, kif del resto qal tajjeb il-perit legali, ma għandhiex tkun rikuperabili. Infatti d-danni rikuperabili f'każ ta' delitti u kważi-delitti huma dawk biss li jiddderivaw "neċessarjament" mill-fatt kolpuż. "In jure non remota causa sed proxima spectatur" huwa l-prinċipju li jreġġi l-materja. Ix-"shock" *soffert mill-omm, u li, inċidentalment* jingħad, medikament ma ġiex pruvat, ma kienx dovut għal ebda offiża fiżika tal-konvenut fuq l-omm, jew meta għall-offiża ta' binha l-omm kienet aċċidentalment preżenti — ċirkustanza li forsi tkun tista' turi ċerta interdipendenza bejn il-ħtija u x-"shock", u li hemm kwistjoni kbira fuqha fil-"case law" Ingliża; u l-ammissjoni ta' dawna d-danni għar-raġuni indikata minn dik l-attriċi, fil-ħsieb ta' din il-Qorti, hija peri-

koluża ħafna u tista' tagħti lok ta' spiss għal reklami immaġinarji (ara "Blake vs. The Midland Railway Company", 1852, 21 L.J., Q.B. 233, 238, u Bevin ċitat fuq, Vol. I, page 59, 60 u 61, u Chironi, Colpa extra-contrattuale, Vol. II, paragrafo 404 u ta' wara, paġ. 311, u in ispeċje paġ. 315, paragrafo 405, kif ukoll Victorian Railway Commissioners vs. Coultas, 1888, 13 App. Cases 222, fejn intqal li:— "Damages arising from mere sudden terror unaccompanied by any actual physical injury, but occasioning a nervous or mental shock, cannot under the circumstances *be considered* a consequence which, in the ordinary course of things, would flow from the negligence of the gate keeper (defendant). *If it were held that they can, it appears to Their Lordships that it would be extending the liability for negligence much beyond what that liability has hitherto been held to be. Not only in such a case as the present, but in every case where an accident* caused by negligence had given a person a serious nervous shock, there might be a claim for damages on account of mental injury". *U jingħad li f'dana l-każ ix-"shock" kien soffert fil-waqt ta' l-aċċident, imma mhux bħala konsegwenza ta' offiża fiżika* ta' l-istess fatt in diskussjoni, mentri fil-każ taħt eżami l-allegat "shock" ta' l-attriċi Giuseppa Grech ġie suppost soffert ġimgħat jew granet wara l-mewt ta' binha;

Illi kwindi dina l-parti tas-somma reklamata ma tistax tiġi rkuprata;

Tikkunsidra;

Illi fuq it-telfa ta' qliegħ, skond l-art. 1088 u 1089 tal-*Kodiċi Ċivili*, Kap. 23 ta' l-Edizzjoni Riveduta, kombinati flimkien, fil-każ in diżamina għandhom jiġu kunsidrati bħal kieku Giovanni Grech baqa' in konsegwenza tal-kolpa tal-konvenut inkapaċi għal għomru, u kwindi, peress li dina hija azzjoni patrimonjali, fid-danni għandhom jiġu kalkulati l-pagi jew qliegħ *iehor attwali u t-telf ta' qliegħ li sejjer ibati 'l* quddiem, dejjem in konsegwenza ta' l-inkapaċità totali għal *dejjem*;

Illi huwa minnu dak li konsideratament qal il-perit legali *fil-paragrafu* 23 *tar-relazzjoni* tiegħu, illi *fil-ġurisprudenza* tagħna ma hemmx materjal sabiex iservi ta' gwida għall-fissazzjoni tad-danni; anzi dina l-Qorti żżid tgħid illi dina l-assenza għandha tiġi wkoll innotata *fil-konfronti* tat-test tal-liġi, li

ġenerikament. bla indikazzjonijiet "demonstrationis causa", tgħid biss "in subjecta materia":— "In the loss of future earning arising from any permanent incapacity, total or partial, which the act may have caused", kliem li juri l-meta bla ma juri t-triq sabiex bniedem jasal għaliha ħlief bil-mod suċċint indikat fis-subpara. 2 ta' l-art. 1088 tal-Kodiċi Ċivili, Kap. 23; salvi l-każi partikulari li ma jidħlux fil-każ in diżamina;

Illi, assodat li l-liġi ma tagħtix f'każi bħal dan in diskussjoni danni aktar mis-somma ta' £1200, u assodat illi fil-likwidazzjoni tad-danni skond l-istess liġi l-Qorti trid (1) tqis iċ-ċirkustanzi tal-każ u fuq kollox ix-xorta u grad ta' inkapaċità kaġunata, u (2) il-kondizzjoni tal-parti li tbati l-ħsara, dawna ċ-ċirkustanzi u l-kumplament għal biex tiġi fissata l-"fair compensation" għandhom jiġu suppliti mill-ġudikant skond il-loġika naturali kontemperata mill-ekwità, u għalhekk "l-ebda somma fissata f'każi taħt ċirkustanzi li ma jaqblux mal-każ in diżamina ma tista' sservi bħala norma fissa għal-likwidazzjoni ta' l-istess danni. Kull każ għandu jiġi regolat skond il-fattispeċji tiegħu";

Illi f'każi bħal dawna in diskussjoni, fil-ħsieb ta' dina l-Qorti jistgħu jservu ta' gwida għal-kompitu ekonomiku jew ġusta kompensazzjoni l-konsiderazzjonijiet tal-pożizzjoni soċjali u ekonomika-kummerċjali tal-partijiet u taċ-ċirkustanzi tal-każ, inkluża l-materji li jistgħu jaggravaw jew inaqqsu d-danni, u in bażi għal dana l-materjal bniedem għandu jistma bħala "bonus vir" x'għandha tkun il-ġusta kompensazzjoni dovuta għat-tort jew azzjoni delittuża jew kważi-delittuża;

Illi huwa ta' min jikkunsidra illi fil-likwidazzjoni tad-danni għandhom jiġu kunsidrati l-aċċidenti tal-ħajja, fosthom dik li tissejjaħ "expectation of life", mhux mill-punto di vista ta' l-età biss, imma minn dik ta' l-istat tas-saħħa tal-bniedem li jkun, kwalunkwe raġjonevoli prospett ta' żieda, u dana apparti l-kapaċitajiet speċjali tal-persuna korruta u d-dipendenza ta' min javanza t-talba għad-danni fil-każ ta' mewt;

Illi in bażi għal dawn il-prinċipji jingħad li ma hemmx dubju li *Ġanni Grech* kien ta' età żgħira u, minn dak li raġjonevolment jista' jiġi presuppost, fil-fjur tal-ħajja, kien promittenti, u fil-każ normali kien jista' javanza fil-paga, u kien

għin lill-familja tiegħu; iżda però ma kienx ta' okkupazzjoni jew professjoni li tirrikjedi sengħa speċjali, l-għaliex għallmument kien messaġġier, u skola kien jaf kemm jiddobba;

Illi għalkemm kellu 2s. 6d. "per diem" paga u 1s. 3d. bonus "per working day", ċjoè £5. 12. 6 fix-xahar, jew £5. 16. 8, u kien jaqla' perkaċċi li minn darba għall-oħra kienu jammontaw għal "average" ta' £1. 15. 0 fix-xahar, lill-familja kien jagħtiha £4 fix-xahar u jiekol minnhom. Minn dan jidher illi huwa kien iżomm għalih kull xahar somma qrib iż-£2 barra mill-inċerti. Issa ż-żieda fil-paga fil-futur raġjonevolment kienet iġġib fiha neċessitajiet oħra; u l-possibilità mhix remota ta' l-assunzjoni ta' l-istat tiegħu, kif raġjonevolment bniedem għandu jaħseb, kienet eventwalment tnaqqas l-għajnuna tiegħu lill-familja, jekk ma tneħħihiex għal kollox; u dana kollu fil-presuppost li javvera ruħu wara l-kors ta' għaxar snin mill-mewt tiegħu kalkulati "arbitrio boni viri", kif għamel il-perit. £4 fix-xahar jagħmlu l-ammont ta' £480 li minnhom irid jinqata' l-manteniment tiegħu, li dina l-Qorti tħoss li diskrezzjonalment għandu jiġi kalkulat in bażi għall-proċedimenti gradwali ta' l-età tiegħu u ta' l-importanza bħala membru tal-familja, li billi jrid jaħdem aktar iġib il-flus id-dar irid ikun sostnut u kurat aktar, u ta' xi servizz partikulari li jkun jirrikjedi aktar mill-membri l-oħra għal ħwejġu, għas-somma ta' £1. 10. 0 fix-xahar, b'mod li mis-somma ta' £480 għandhom jitnaqqsu £180;

Illi kwindi d-danni li skond dina l-Qorti għandhom jiġu ammessi huma ta' £305. 10. 0, in kwantu għal £5. 10. 0 għall-ispejjeż tal-kaxxa, u £300 għat-telf ta' gwadann kalkulat kif għidna fuq;

Għal dawn il-motivi;

Taqta' u tiddeċidi, previa d-dikjarazzjoni li l-konvenut huwa responsabili għan-nuqqas ta' prudenza u osservanza tar-regolamenti, kif ukoll billi kien imprudenti u negliġenti fis-sewqan tat-truck nru. 5674, u minħabba f'hekk fid-29 ta' Settembru 1945, fis-7 p.m., fuq High Street, Ħal Balzan, korra lit-tifel Ġanni Grech li in segwitu miet minħabba fil-feriti riportati; u tikkundannah iħallas is-somma ta' £305. 10. 0, in kwantu għal £5. 10. 0 prezz tat-tebut, u £300 għat-telf ta' qligħ biss, u tiċħad pretensjonijiet ta' somom oħra; u f'dana s-sens tilqa' l-perizja legali, u fejn ma taqbelx ma'

dana ma takkoljihiex. Bl-ispejjeż, minħabba l-meritu, in kwantu għal wieħed minn sitta għall-atturi, u ħamsa minn sitta għall-konvenut, wara li l-istess jingabru kollha flimkien, ad eċċezzjoni tad-dritt tar-reġistru, li għandu jibqa' wkoll għall-konvenut.